# IT-TIENI PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

10 ta' Jannar, 1955

**Imħallef:**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Wing Commander Henry Buick ne. *versus* Caterina Agius et.

**Kjamata fil-kawża — Sentenza**

*Il-kjamat fil-kawża għandu l-kwalità u hu trattat bħala konvenut, u s-sentenza mogħtija fil-ġudizzju jkollha l-effett ta' ġudikat anki fl-interess tal-persuna kjamata fih.*

*Għaldaqstant il-konvenut f'kawża ma jistax jiġi ammess jagħmel provi li huwa kien imissu għamel f'kawża preċedenti, maqtugħa b'sentenza li għaddiet f'ġudikat, billi jallega li f'dik il-kawża, fejn seta' jagħmel dawk il-provi, huwa kien ħa parti bħala kjamat fil-kawża biss, u mhux ukoll bħala konvenut.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 1954, fejn jinsabu miġjuba t-talbiet ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u li biha l-konvenuti Caterina Agius, Rosa Vella u Carmela Camilleri, ġew ammessi biex jagħmlu l-prova offerta minnhom, dik, jiġifieri, li l-erbgħa sigħan u erbgħa kejliet imsemmija fiċ-ċitazzjoni ġew mibjugħa sewwa fl-atti Emmanuele Pio Debono tal-15 ta' Novembru, 1945, u kienu tal-vendituri, u l-ispejjeż baqgħu riżervati għas-sentenza finali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti ssottomettew illi biċċa minnhom kellhom parti bħala "chiamati" fil-kawża "Falzon vs. Watson", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju, 1953, u biċċa oħra minnhom ma ħadux parti f'dik il-kawża, u għalhekk huma mhumiex mar-

butin b'dik is-sentenza; u illi l-erbgħin sigħan u erbgħa kejliet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni ġew mibjugħa sewwa fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tal-15 ta' Novembru, 1945, u kienu tal-vendituri, jiġifieri tagħhom;

Illi, kif ġie kunsidrat fis-sentenza parzjali ġa msemmija, mill-konvenuti f'din il-kawża, Antonio Debono, Leonardo Debono u Benedetto Debono biss kienu parti fil-kawża ġa msemmija deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, u l-konvenuti l-oħra, Caterina Agius, Rosa Vella u Carmela Camilleri, ma kienux parti fiha. Kien għalhekk illi dawn l-aħħar tliet konvenuti ġew ammessi biex jagħmlu l-prova miġjuba fl-eċċezzjonijiet tagħhom; imma mhux ukoll l-ewwel tliet konvenuti, għaliex dawn kienu parti f'dik il-kawża;

*Illi l-imsemmijin* konvenuti Antonio Debono, Leonardo Debono u Benedetto Debono, jallegaw illi huma wkoll għandhom id-dritt li jagħmlu l-prova ġa msemmija, għaliex huma f'dik il-kawża kienu parti bħala "chiamati" biss, u mhux bħala konvenuti. Din l-allegazzjoni mhix sostenibbli. Apparti illi dawn il-konvenuti ma appellawx mill-imsemmija sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti, li quddiemhom għalhekk tifforma ġudikat, hu magħruf illi l-kjamat fil-kawża għandu l-kwalità u hu trattat bħala konvenut (art. 961 Kod. Proċ. Ċiv.; Vol. XXIX-I-768; XXIX-II-31 u 639); is-sentenza mogħtija fil-ġudizzju jkollha effett ta' "res judicata" anki fl-interess tal-persuna kjamata fih (Vol. XXXII-II-151). Issa, it-tliet konvenuti Debono, flimkien mal-konvenuti l-oħra, kienu ġew kjamati fil-kawża fuq imsemmija. kienu taw l-eċċezzjonijiet tagħhom, u b'deċiżjoni ta' dina l-Qorti tad-29 ta' Ottubru, 1952, konfermata mill-Qorti ta' l Appell b'sentenza tal-31 ta' Mejju, 1954, ġew kundannati jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża;

Illi l-prova li t-tliet konvenuti Debono jallegaw illi għandhom id-dritt jagħmlu f'din il-kawża, huma kien imisshom għamluha fl-imsemmija kawża, fejn l-attur, konvenut f'dik il-kawża, kien sejħilhom biex jiddenunzjalhom l-evizzjoni li huwa kien sofra ta' l-art — l-erbgħa sigħan u erbgħa kejliet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni — li huma kienu biegħhulu;

Tabilħaqq, kif ġie kunsidrat fl-imsemmija sentenza parzjali, biex il-venditur, u bħalu l-garanti tiegħu, ikun jista'

jeżonera ruħu mill-konsegwenzi ta' l-azzjoni tar-regress, mhux biżżejjed illi l-kumpratur ma jkunx għamillu d-denunzja tal-kawża ta' l-evizzjoni, imma għandu jipprova illi, kieku kien imsejjaħ fil-kawża, kien ikun jista' jimpedixxi l-evizzjoni (art. 1472 Kodiċi Ċivili; Vol. XXIX-II-359). Issa, il-konvenuti Debono, li kienu ma' oħrajn vendituri ta' dik l-art lill-attur, ġew minn dan, kumpratur tagħha minn għandhom, denunzjati bil-kawża ta' l-evizzjoni; mhux biss, imma ġew ukoll imsejħin f'dik il-kawża minnu, biex ikunu jistgħu jevitawlu dik l-evizzjoni; liema ħaġa huma ma għamluhiex;

Illi, kif ġie ritenut ukoll fis-sentenza parzjali fuq imsemmija, mill-provi miġjuba jirriżulta illi s-somma dovuta lill-attur għall-evizzjoni minnu sofferta, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, tilħaq komplessivament £113.8.4;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Wara li tastjeni illi tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża in kwantu diretta kontra l-konvenuti Caterina Agius, Rosa Vella u Carmela Camilleri, minħabba fir-rinunzja relattiva ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra dan ta' l-aħħar, tiddeċidi billi tikkundanna lill-konvenuti Antonio Debono, Leonardo Debono u Benedetto Debono, "in solidum", iħallsu lill-attur għall-finijiet tad-domandi miġjuba minnu fiċ-ċitazzjoni s-somma ta' £113.8.4; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti;

L-ispejjeż riżervati fis-sentenza parzjali tal-31 ta' Mejju, 1954, minħabba fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa.

———